# IL-PULIZIJA

Organu tal-'Malta Police Association'
Ippubblikat minn
Associated News (M) Ltd.
Stampat mill-Penprint Ltd.
Editur — Michael Marshall

## FONDI TAL-PULIZIJA

F'diversi hargiet ta' dan il-magazin gie spjegat x'fondi jezistu fil-korp u l-ghanijiet taghhom u ghal liema fondi l-membri jikkontribwixxu. Ghal darb'ohra qed nirrepetu dan it-taghrif bliskop li dan ikun maghruf sewwa minn kulhadd.

### General Fund

L-ewwel u l-eqdem fond huwa dak imsejjah *Police General Fund*, imwaqqaf fl-1919 li ghalih tithallas kontribuzzjoni mill-membri kollha tal-Korp u li l-ghanijiet tieghu huma:

a. ta' beneficcju ghall-membri kollha tal-Korp f'kazijiet ta' mard jew disgrazzji liema kazijiet jigu studjati minn Bord imwaqqaf ghal tal-apposta u wara li ssir talba mill-membru tal-Korp koncernat. Dan il-bord huwa kostitwit mis-Suprintendent H.Q., min Maggur u minn rapprezentant tal-Assocjazzjoni tal-Pulizija. Gie mwaqqaf madwar sena ilu u s'issa studja diversi talbiet. Ta' min isemmi li fl-erba' kazijiet li dan ittratta, inghatat is-somma ta' £M850 kif gej: Spettur inghata £M200; Surgent inghata £M250 u zewg kuntistabblijiet inghataw £M200 kull wiehed.

b. Mill-1 ta' Lulju 1981 se jibda jaghmel tajjeb biex id-dipendenti ta dak il-membru tal-Korp li jmut waqt li jkun ghadu jservi fil-Korp jinghataw is-somma ta' £M1000. Dan sar wara li giet studjata l-possibilità li l-membri kollha tal-Korp jigu mdahhla fi skema ta' assigurazzjoni, izda din kienet se tiswa hafna u ma kienitx tintlaqa tajjeb mill-maggoranza tal-membri. Biex tkun tista tahdem din l-iskema kellha tizdied il-kontribuzzjoni bi 30c fix-xahar.

Ta' min isemmi li l-parti l-kbira mill-flus ta' dan il-fond huma nvestiti barra minn Malta b'imghaxijiet tajbin u dan sar bil-permess tal-Ministeru tal-Finanzi u tal-Bank Centrali ta' Malta.

### Mutual Help Association Fund

Fond iehor tal-Korp huwa dak tal *Mutual Help Association*, li ghalih jikkontribwixxu l-membri u ex-membri tal-Korp. Dawn ta' l-ahhar jikkontribwixxu 12c5 fix-xahar ghal kull membru li jmut, sa massimu ta' tnejn fix-xahar. Bis-sistema 'l gdida l-membri tal-Korp mumhiex se jigu mitluba jikkontribwixxu 25c fix-xahar, izda mill-General Fund se tinghata kontribuzzjoni ta' 12c5 fix-xahar (sa massimu ta' 25c) ghal kull membru tal-Korp li jkun iservi fil-gurnata tal-mewt tal-persuna koncernata.

### Other Ranks Canteen Fund

Fond iehor li ghalih *ma tithallas ebda kontribuzzjoni* huwa dak tal-Canteen. F'Dan il-fond imur il-qliegh tal-canteen. Kull 'entertainment' li jsir ghall-membri tal-korp, kif ukoll xi spejjez tas-Summer camps u parties tat-tfal tal-Milied se jibdew isiru, *kemm hu possibbli*, minn dan il-fond, biex il-flus tal-General Fund u l-Association fund jitmessu mill-anqas ghal skopijiet ta' 'entertainment'. Barra minn dan, minn dan il-Fond jinxtara xi taghmir ghall-Canteen u ghall-kcina u dan l-ahhar inxtara wkoll television tal-kulur.

### Officers' Mess Fund

Dan il-fond li ghalih il-fizzjali biss ihallsu kontribuzzjoni, jservi ghall-attivitajiet li jsiru mill-fizzjali u xi bzonnijiet ohra li jidhirlu l-kumitat li jmexxi dan il-mess fosthom htigijiet ta' taghmir tal-mess tal-fizzjali. Il-kontribuzzjoni ta' dan il-mess hija:

Kummissarju, D.C. u A.C.:
£M1.50 fix-xahar.
Suprintendent:
£M1.25 fix-xahar.
Spettur:
£M1.00 fix-xahar

### Association Fund

Ghal dan il-fond il-membri tal-Korp jikkontribwixxu 15c fix-

Tkompli f'p. 7

## EDITORJAL

### INKOMPLU IL-HARGA TA' "IL-PULIZIJA"

Wara waqfa ta' sena, qed inkomplu bil-publikazzjoni ta' "Il-Pulizija" liema pubblikazzjoni kellha tieqaf minhabba certi cirkostanzi li ghazilna li nitkellmu dwarhom f'dan l-editorjal.

Min iqalleb il-hargiet l-imghoddija ta' "Il-Pulizija" jsib diversi appelli lill-membri tal-Korp kif ukoll lill nies ohra barra l-Korp biex jghinuna permezz tal-kitba taghhom, izda b'dispjacir nghidu li ftit kienu dawk li wiegbu ghal dan l-appell taghna bil-konsegwenza li kellna nieqfu. Kif kellna l-okkazjoni nghidu f'diversi hargiet ta' dan il-magazin mhux dejjem facli li ssib materjal ghall-pubblikazzjoni addattat ghal magazin taghna u barra minn dan il-materjal li jirnexilek takkwista trid tipubblikah b'mod ibbilancjat li jkopri diversi suggetti bhal ma huma storja, ahbarijiet lokali u barranin, taghrif legali u suggetti ohra ta' interess ghall-membri tal-Korp.

Issa li ergajna bdejna bil-harga ta' '**Il-Pulizija**' wiehed jittama li ma jkunx hemm waqfien fit-tul u ghal dawn l-ewwel xhur se jkun hemm harga kull xahrejn, izda jekk naraw li ghandna materjal bizzejjed biex nergghu nkomplu b'harga kull xahar inkomplu kif konna naghmlu fl-imghoddi b'harga tal-magazin kull xahar.

*Kopertina:* Il-Fire Engine ta' zmien it-Tieni Gwerra li llum tinsab fil-Muzew tal-Gwerra.


We promise you a warm welcome
AIRMALTA
For reservations phone up Tel. 382916/29

**ILLEGA IL-PULIZIJA"**

Dawk li jixtiequ jillegaw **IL-PULIZIJA"** jistghu jaghmlu dan billi jgibu l-magazines fl-ufficcju taghna. Prezz £M1.70.0.



Ir-Regolamenti tat-Traffiku, verzjoni bl-ingliz, jinsab ghall-bejgh f.-ufficcju tal-Assocjazzjoni tal-Pulizija. Prezz: £M1.00.0.

# IXTRI L-KODICI KRIMINALI




# MUTUAL HELP ASSOCIATION

Wara waqfa ta' sena, mhux possibbli li ngibu r-ritratti ta' l-ex membri tal-Korp li mietu f'din l-ahhar sena, izda qed ingibu l-ismijiet taghhom u r-ritratti ta' l-ahhar erba'.

Charles Spiteri, ex P.C. 585
Edward Scicluna, ex P.C. 500
Spirdione Xuereb, ex P.C. 452
Lawrence Butler, ex P.C. 206
Joseph Xuereb, ex P.S. 32
John Abdilla, ex P.S. 228
Nicholas Camilleri, ex P.S. 901
Ernest Spiteri, ex Superintendent
Joseph Gatt, ex P.C. 204
Harold Drury, ex Inspector
Anthony Galea, ex P.S. 531
Carmel Grech, ex P.C. 557
Thomas Orr, ex Inspector
Joseph Attard, ex P.C. 35
Anthony Mizzi, ex P.C. 595



Benjamin Zammit, ex P.C. 49



Henry Triganza, ex P.C. 354



Robert Lautier, ex P.C. 58



Paul S. Grech, ex Superintendent

ANNOUNCING

that a **NEW CLOTHING DEPARTMENT** has been added to the

**PAOLA**

**S M SUPERMARKETS**

**HOUSEHOLD STORE** in Paola Square, Paola.

St Michael laRinascente / upim

**SUPERMARKETS (1960) LIMITED**

| Our clothing Stores Are at | Telephones: |
|---|---|
| The Strand, Sliema | 31745 & 39581 |
| Palace Square, Valletta | 624304 & 20614 |
| Paola Square, Paola | 21855 |
| And Our Food Supermarkets Are at | |
| The Strand. Sliema | 31745 & 39581 |
| Pioneer Road, Bugibba. St. Paul's Bay | 571605 |
| Head Office: Lascaris Buildings, Valletta | 625717 & 24947 |
| Warehouse: Pawla Square, Pawla | 822080 & 21855 |

We are Exclusive Retailers in Malta of St. Michael clothing, Footwear, Home Furnishings and Food.

**GRISCTI'S**

**of Republic Street — Valletta**

**THE EXPERT UNIFORM MAKERS**

302, Republic Street, Valletta - Telephone 624566 - Telex 480 MINIAT

# ORIGINS OF THE MEDICAL DUTIES OF THE MALTA POLICE

*Dr. Paul Cassar, M.D., D.P.M., F.R.Hist. S. (Lond.)*

## The Plague of 1813

The medical duties of the officers and men of the Malta Police have varied from time to time in accordance with the requirements and turns taken by the outbreak of disease in the Maltese Islands. Their first test came in 1813 when an epidemic of plague struck Malta.

In those days it was believed that plague was disseminated by contact with infected persons or with their belongings or by such objects as hairs, particles of straw and feathers. In conformity with these ideas the Inspector General of Police (corresponding in rank to the present Commissioner of Police) was enjoined, on the 21st May 1813, to make sure that hairs, pieces of paper, feathers and fragments of straw were removed from food items by means of tongs or pincers so that they would not be touched by hand, thus avoiding the risk of infection on the part of the person handling them(*1*).

By the 16th July the police were detailed to ensure that no clothes were hang in windows or balconies as it was feared that clothes could convey the contagion" as it was then called. The movements of the inhabitants and of domestic animals were restricted; pigeons, birds and poultry were to be confined to their cages; dogs and cats were to be restrained in the owner's home and not allowed to leave the houses and roam about in the streets. Perosns disregarding these orders were to be placed under arrest (*2*).

The following day the Inspector General of Police issued rules concerning the strict observance of quarantine measures by the personnel under his comand. These officers and men were charged with the supervision of the various barriers set up in the streets of the four cities to restrict the movements of the population and also to see that the selling and buying of foodstuffs were limited to the hours between 6 and 10 a.m. after which time the police had to ascertain that all shops were closed (*3*).

As the plague persisted in its onslaught in the villages of Qormi, Birkirkara and Żebbug, the Head of Government ordered the Inspector General of Police to throw a sanitary cordon of armed men to encircle the three villages and thus prevent their inhabitants from leaving any of the said villages under penalty of death. This order was speedily carried out by the 10th September 1813 and in this way the three villages were isolated from the rest of the island where the epidemic had shown signs of abating (*4*).

By the 13th November the mortality was on the decline in Malta and the British governor of Malta ordered a general purification of all the houses and shops of Valletta and Floriana for a period of fifteen days under the supervision of doctors and the police. A general pardon was proclaimed for all those who, in spite of the public warnings given by government when the outbreak was at its peak, had hidden objects liable to be infected. This pardon was to become effective only if the culprits revealed the hiding places to the Inspector General of Police within ten days in order to enable him to take the necessary steps for the depuration of the hidden objects (*5*).

Fearing a further wave of the disease in Vallètta towards the end of the year, the Head of Government made arrangements, on the 24th December, for the notification of any new cases of plague. Such announcements were to be carried out by the police who were to go about the streets of the city accompanied by a bugler and a horn-player to warn the inhabitants to retire immediately inside their homes (*6*). As an added precaution, Valletta was divided into twenty-four districts and Floriana into seven districts to confine, as much as possible, the spread of the disease to the particular district in which it occurred. Each district was placed under the supervision of a Deputy of the Inspector General of Police who was aided by a Police Sergeant, a clerk and a nurse (*7*).

On the 3rd January 1814 a set of regulations were issued in connection with the above in the following terms:-

i. The Inspector General of Police, who was responsible for the execution of the plan, received orders directly from the British Governor and as Head of the Police of the whole island he was empowered to issue orders and instructions as the circumstances of the case required.
ii. Under him were the Deputies of the Districts, two Adjutants for Valletta and one for Floriana.
iii. The Deputy of each District was to draw up an exact census of the population of his area and affix on the outside door of every house a list of the persons residing therein. A copy of this list was to be brought up to date every week and forwarded to the Inspector General of Police.
iv. In the case of any sickness occurring in his district, the Deputy was to inform immediately the Inspector General of Police who, in turn, communicated the occurrence to the Chief Government Medical Officer who then took steps to ascertain the nature of the disease.
v. The most important duty of the Police Sergeant was to ensure that the district was kept clean and that house refuse was taken for disposal to places set apart for the purpose by the Inspector General of Police.
vi. The Police Sergeant was also to pay frequent visits, in the company of the nurse, to the tenement houses, stores, basements and groundfloor premises to make sure that they were kept tidy and well ventilated (*8*).

## The Death Penalty

The death penalty was proclaimed on the 15th May 1813 for any one

Tkompli p. 7

# Elmo Insurance Limited

C. & H. BARTOLI LTD.

CASSAR & COOPER
(Shipping & Insurance) Ltd.

General Agents for:

## Sun Alliance & London Insurance Limited

**Assets in excess of £1000 million.
270 years underwriting experience**

**SAME AGENTS
SAME UNDERWRITERS
SAME SERVICE**

**Valletta Buildings, South Street, Valletta. Telephone 624226 (10 lines)**

**Manufacturers of
Precast & Prestressed Concrete Products
for
Industrial & Domestic Use
Products in Production include
Prestressed Holow Core Slabs
Prestressed concrete Poles
Reinforced concrete Pipes
Precast Slabs & Kerbs
other precast design product to
customer requirements.**



**Concrete Products Ltd.,
Ta' Qali**

Tkompli minn p. 5

knowingly concealing the existence of the disease on himself or on others. On the 1st August it was extended to those who changed residence without previous permission from the authorities; or entered infected premises or hid any object or clothes likely to be contaminated with the disease (*9*).

Capital punishment was applicable also — and much more so — to personnel of the Sanitary Office, to civilian and military guards and to members of the Police Force who hid or stole clothes and other articles or allowed others to do so even from places not suspected of harbouring the infection (*10*).

On the 17th August a certain Anthony Borg was shot in Merchant Street, Valletta, for knowingly concealing the fact that he was suffering from plague. He was the driver of the carriage of the Commissioners of the Ospizio (a home for the aged and infirm at Floriana). This carrying out of capital punishment so impressed the people that a short time afterwards a low ranking member of the Police Force shot himself when he was discovered to be suffering from plague which he had been concealing since some days (*11*).

On the 13th March 1814 a certain Giuseppe Said from Xaghra, Gozo, who was known to have the plague, wandered out of his home while in a state of delirium from the disease and was shot dead by the Adjutant of Police. Another man faced a diring squad on the 31st March for having concealed the existence of the malady (*12*).

The police at Xaghra, Gozo, were shouldered with a quite unusual duty. On the 12th June 1814 the surviving members of the families that had been attacked by the disease were taken to Ramla Bay and there made to bathe in the sea three times a day, under the supervision of the police, with the scope of disinfecting themselves from any traces of the disease that might have been still attached to them (*13*).

### Assistance Given to the Police Force

The Police were assisted in their medical tasks by:-

i. The Maltese Provisional Battalion, especially in the formation of sanitary cordons round the infected villages of Qormi, Rabat and Birkirkara (29 August 1813). Guards also escorted the prisoners who were engaged in transporting the plague-stricken to the Lazzaretto, in removing the dead from their homes and conveying them for burial away from inhabited places. These guards also supervised the burning of clothes and other articles used by infected persons (*14*).

ii. The Corps of Maltese Veterans in Valletta in the early stage of the epidemic to prevent breaches of the quarantine measures taken by government to limit the spread of the disease (*15*).

iii. The *Guardie Urbane* formed on the 4 August 1813 to control the movements of the residents of Valletta and prevent unnecessary communications among them, to ensure that only one member from each family left his home for shopping and that only persons engaged in the public service went about the streets (*16*). These *Guardie Urbane* came into being on the suggestion of the Inspector General of the Police when, owing to the reduction of the personnel under his command, due to the daily deaths from the plague, he proposed to the Head of Government, the formation of a body of men made up of Maltese, British and foreign residents in Valletta to make up for the losses of personnel (*17*).

iv. Guardians of the Sanitary Office who were charged with the duties involved in the quarantining of ships and crews and the isolation of the plague-stricken at the Lazzaretto (*18*).

### References

1. Burrell, W.H., *Rapporto sulla peste di Malta del 1813*, London, 1855, p. 16.
2. *Ibidem*., p. 82.
3. Depiro, G.M., *Ragguaglio storico della pestilenza negli anni 1813 e 1814*. Livorno, 1833, p. 46.
4. *Ibidem*., p. 61.
5. *Ibidem*., p. 67.
6. *Ibidem*., pp. 71 & 73.
7. *Ibidem*., p. 105.
8. *Ibidem*., pp. 106–8.
9. Burrell, W.H., *op. cit*., pp. 54, 81 & 82.
10. Depiro, G.M., *op. cit*., p 54.
11. *Ibidem*., p. 55.
12. Burrell, W.H., *op. cit*., p. 59.
13. *Ibidem*., p. 63.
14. *Ibidem*., p. 33; Depiro G.M., *op. cit*., 35.
15. Burrell, W.H., p. 53.
16. *Ibidem*., pp. 53 & 54.
17. Depiro, G.M., *op. cit*., 55 & 56.
18. Burrell, W.H., *op. cit*., p 82.

## FONDI TAL-PULIZIJA

Tkompli minn p. 1.

xahar u dan il-fond iservi biex jekk ikun hemm bzonn, flimkien mal-flus moghtija mill-O.R. Canteen Fund, jaghmlu tajjeb ghall-parties tal-milied tat-tfal tal-Pulizija u ghall-pubblikazzjoni tal-magazine. Parti minn dan il-fond se tigi nvestita barra minn Malta bil-permess tal-Ministeru tal-Finanzi u l-Bank Centrali ta' Malta, parti ohra hija nvestita lokalment. Parti ohra tithaddem b'mod li waqt li l-Pulizija tkun qeghda taghti servizz lill-pubbliku, jista jsir xi qliegh li jmur ghall-beneficcju tal-fond tal-Assocjazzjoni, per ezempju; il-pubblikazzjoni tal-Kodici Kriminali u r-Regolamenti tat-Traffiku li gew ippublikati mill-Assocjazzjoni. Ta' min ighid ukoll li qed isiru l-ahhar thejjijiet ghall-xoghol literarju li huwa ttamat li se jkun milqugh tajjeb mill-pubbliku.

### Police Club Fund

Fond imwaqqaf sena ilu huwa dak tal-Police Club li beda b'ghotja ta' £M1,500 mill-O.R. Canteen Fund u £M1,500 mill-Association Fund. Ma' dawn zdiedu diversi donazzjonijiet ghal dan il-Club minn diversi ditti. L-ghan ta' dan il-fond huwa illi jinghammar sewwa l-post mikri minghand il-Gvern biex jintuza bhala Club tal-Pulizija u biex jithallas il-kera ta' dan il-post. Huwa ttamat li meta dan jiftah, il-qliegh minn dan il-post imur ghall-beneficcju tal-membri tal-Korp.



REMY MARTIN FINE CHAMPAGNE COGNAC

# Before it plays, it cleans.




Maxell Super Low Noise Tape does something rather remarkable.

It actually cleans the heads for 5 seconds before it plays, thereby giving you beautifully clear, clean sound.

How does it do it?

Quite simply, its first 5 seconds of



1 Non-abrasive head cleaning leader, 2 5-second cue, 3 Arrows indicating direction of tape travel, 4 A/B side mark.

leader are also a head cleaner – and, if you don't get dirty heads, you don't get dirty sounds from your deck.

It's such an obviously good idea, it's surprising others don't do it.

And only Maxell, among low-noise tape, whether C60, C90 or C120, is guaranteed not to jam.

There's also an advanced coating technique. This virtually eliminates chance of dropout and assures smooth tape-to-head contact.

One last, and equally surprising feature: for all the Maxell SLN extras, there are absolutely no extras on the price tag.



Available from
**TIP TOP**
all branches

**maxell SLN**
Before it plays, it cleans.

## L-ISPETTUR CAROL M. SALIBA 1890–

Ibghatu ghal Carol Saliba". Hekk kien ighid il-President tal-Qorti, Sir Arturo Mercieca, ta' kull meta kien ikun hemm xi kaz ta' delitt, u li ma kienx ikun tant facli li jinkixef min ghamel id-delitt.

Carol Maria Saliba, twieled Hal-Qormi fis-16 ta' Dicembru 1890, u minn ckunitu kien trawwem fid-dixxiplina. Missieru kien l-ufficjal tal-Kummissarjat tar-rigimenti Inglizi f'Malta, u kien jiehu hsieb it-tqassim tat-trasport u tal-provvizjon kollu. Is-sens ta' dixxiplina militari tnissel fih u kiber mieghu, u nistghu nghidu wkoll li ghadu bih tabilhaqq, ghalkemm ghadu kemm ghalaq disghin sena.

Saliba beda l-istudji tieghu fil-Kullegg ta' Flores, ghall ewwel fi Triq San Pawl, il-Belt, u wara fi Triq l-Ifran. Imbghad dahal l-Universita fil-kors tax-xjenza, u baqa hemm sakemm kienet faqqghet il-gwerra l-kbira fis-sena 1914.

Fix-xahar ta' Settembru 1909 f'Malta kienet twaqqfet is-Saint John Ambulance Brigade, u fost il-*foundation members* tnejn u tletin b'kollox, hemm isem Carol M. Saliba. Hu l-eqdem u l-uniku membru li ghadu haj.

Ghalkemm Malta u Ghawdex ma kienux imdahhla fil-gwerra, izda kienet rifugju kemm ghall hafna midruba, u sew ghall bosta prigunieri maqbuda tal-ghadu, kienet inhasset il-htiega ta' certa attivitá ohra. Saliba mill-ewwel ivvolontarja jidhol ghas-servizz fl-isptar militari tal-Kottonera, u ghal xi zmien ukoll fil-*Convalescent Camp* ta" Ghajn Tuffieha.

Anqas ma kienet ghada spiccat il-gwerra meta Saliba, imhajjar li jidhol fil-Korp tal-Pulizija, applika u wara ezami irnexxilu fix-xahar ta' Dicembru 1917, jigi accettat. Kemm imhabba l-energija li kellu, u sew ghaliex kien wera sa mill-ewwel jiem fis-servizz dak is-sens ta' dixxiplina, il-Kummissarju ta' dak iz-zmien, l-ewwel wiehed li beda jissejjah hekk, Claude Wordruff Duncan (1916–1919), hatru Segretarju privat tieghu.

Imbghad wara baghtuh Spettur iz-Zurrieq, tac-*"C" Division*, u kien ikollu jlahhaq ma' bosta



rhula fil-qrib.

Nhar is-Sibt, 9 ta' Lulju 1926, fil-hemda tal-kampanja kienet instemghet spuluzjoni kbira, li gabet maghha biza kbir fir-rhula. Kienet spoldiet il-kamra tan-nar gewwa Hal-Lew, fl-inhawi tal-Qrendi, waqt li kienu qeghdin jahdmu n-nar ghall festa tal-Madonna tal-Karmnu. B'kollox disgha minn nies kienu gewwa dik il-fabbrika, u bl-espluzjoni ig-garraf hajt mid-dar, u waqa s-saqaf tal-kamra t'isfel, bir-rizultat li dawk il-haddiema li kienu qed jahdmu hemm sfaw mirduma u korruti serjament. Il-mejtin kienu Indri Magro ta' 17 il sena, Guzepp Agius ta' 45 sena, Indri Camilleri ta' 22 sena, u Salvu Magro ta' 19-il sena. L-ohrajn kienu salvaw tassew b'miraklu. Il-Magistrat tal-ghassa, Dr. Lewis Camilleri (aktar tard Prim Imhallef u Sir), ghamel l-access fuq il-post. Ix-xoghol li ghamel l-Ispettur Saliba flimkien mal-pulizija tieghu, mhux biss gie imfahhar mill Qorti, imma fil-gurnali wkoll. Fost l-ohrajn intqal ghas-sur Saliba li hu *fearlessly and regardless of personal danger* dahlu fin-nirien, qalb mijiet ta' xoghol tan-nar li kien ghadu ma lahaqx in-nar (*Daily Malta Chronicle*, 16.VII.1926 u *Times of Malta* u *Progress*, 23.VII.1926).

Il-Kummissarju Major F. Stivala semma x-xoghol fejjiedi ta' Carol Saliba fir-rapport an-nwali tal-Korp tal-Pulizija (*Malta Government Gazette* 18.XI.1927).

Ix-xoghol u l-hajja ta' pulizija, hu ta' liema rank hu, isir qisu mekkuk, ghaliex filli jkun il-Belt, u filli jsib ruhu f'xi rahal, jew Ghawdex. Din is-sistema kienet ukoll incentiv tajjeb ghaliex il-pulizija mhux biss ikun jaf id-distrett tieghu biss, izda biex jakkumula esperjenza tal-varjetá tal-hajja socjali li jezistu fl-irhula u fl-ibliet. Nghiduha kif inhi, kull rahal f'Malta u Ghawdex, ghandu specita' karatteristika ghalieh.

Mal-milja taz-zmien, mhux dejjem kienet apprezzata l-karriera jew il-hidma ta' pulizija. Min jaf ghaliex? Meta qisu kullhadd ikun qieghed id-dar, minbarra minn dawk li jkunu jridu jipprofittaw ruhhom mid-dlam u mill-hemda tal-lejl. il-pjantun ikun fl-ghassa jisghar, qisu jistenna bhal ruh tal-purgatorju, cempila, jew zjara minn xi hadd, biex jitlob l-ghajnuna.

Fis-sena 1931 Saliba gie moghti l-*King's Medal*, li hi l-aqwa dekorazzjoni li jista jkollu pulizija, dak iz-zmien. Fiz-zewg *despatches* (Nru. 221/1929) li waslu Malta minn ghand is-Segretarju tal-Istat tal-Ingilterra, hemm miktub dan dwar Carol M. Saliba' gie moghti dan l-*award* ghall *exceptional services rendered*. Sa fejn nafu ahna, Saliba huwa l-uniku wiehed li ghandu din id-dekorazzjoni.

Ghadda z-zmien u Saliba bil-vokazzjoni shiha u bid-devozzjoni li kellu (u ghad ghandu) ghall karriera tieghu fil-Korp tal-Pulizija, meta faqqghet il-gwerra kien qieghed jaqdi dmirijietu fil-Birgu, inhawi l-aktar li garrbu u raw il-qilla tal-ghadu, il-Kottonera. Fl-ghassa tal-Birgu, daqsxejn ta' dar hdejn il-*Couvre Port*, Saliba irnexxilu imexxi t-tmun, jilhaq ma' kollox sahansitra jaghmilha ta' sagristan jghin lill Dun Pawl Galea, fuq artal li kien hejjilu gewwa l-ghassa, ghal dawk li tilfu djarhom fil-qrib. Zguri li f'ebda inhawi ohra tal-gzira ma kien hemm daqshekk hidma tal-ghadu. Saliba u n-nies tieghu, hekk kif jisimghu t-tnewwieh tas-sirena, kienu johorgu qabel jibdew nezlin il-bombi lejn it-tarzna u l-inhawi, biex imbghad imorru jigru fuq il-post jaghtu l-ghajnuna kollha, fil-Birgu, f'Bormla, u fl-Isla. Fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 410, bid-data 2 ta' Awissu 1940, Saliba gie gazzetted ghal *exceptional meritorious service in life saving and attending to the injured* waqt l-ehrex attakki mill-ajru.

L-aktar li Saliba u l-pulizija tieghu kienu taw servizz kien

Tkompli f'p. 20

## IL-GVERNATUR SIR RICHARD MORE O'FERALL U RIORGANIZZAZZJONI TAL-KORP TAL-PULIZIJA (1849–1850)

*minn Winston L. Zammit, B.A. (Hons.), M.A.*

Mitt sena ilu, f'Balyna, fil "county" ta' Enfield, fl-Irlanda, miet Sir Richard More O'Ferall (*1*), li kien Gvernatur Civili ta' Malta bejn Dicembru 1847 u Mejju 1851 (*2*).

Sir Richard, li kien Kattoliku u Irlandiz gie mahtur bhala l-ewwel Gvernatur Civili ta' Malta, permezz ta' "Royal Commission" bid-data tas-27 t' Ottubru 1847. Huwa wasal Malta fis-17 ta' Dicembru ta' l-istess sena u kellu laqgha sabiha. Dakinhar stess saret ic-cerimonja tas-soltu fil-palazz. Inqrat ir-"Royal Commission" u wara l-Gvernatur ha l-gurament u b'hekk ha f'idejh l-Amministrazzjoni civili ta'd awn il-Gzejjer (*3*).

Il-karatteristici principali ta' l-amministrazzjoni tieghu kienu, (a) ir-riformi li ghamel f'diversi oqsma (b) ix-xoghlijiet pubblici li saru u (c) l-opposizzjoni li sab minn diversi oqsma li wasslitu biex jirrizenja. Fost ir-riformi li ghamel insibu r-riorganizzazzjoni tal-korp tal-pulizija, li bdiet tahdem fl-1 ta' Jannar 1850.

### Il-Korp tal-Pulizija

Minn ittra bid-data tas-7 ta' Mejju 1849, li O'Ferall baghat lil Earl Grey li f'dak iz-zmien kien is-Segretarju ta' l-Istat ghall-kolonji, nafu li f'dak iz-zmien il-korp tal-pulizija kien maghmul minn 61 ufficcjal u 159 kuntistabbli u l-ispiza annwali f'salarji biss kienet titla ghal £6,848 (*4*).

Minn rapport li O'Ferall baghat ma l-istess ittra, nafu wkoll kif kien imqassam ezatt "l-establishment" tal-pulizija fl-1848 (*5*). It-tmexxija tal-korp f'Malta kienet f'idejn Spettur li kellu salarju ta' £430 fis-sena, filwaqt li t-tmexxija tal-korp f'Ghawdex, kienet f'idejn Spettur ghal Ghawdex li kellu salarju ta' £340 fis-sena (*6*). L-Ispettur fl-1848 kien is-Sur Fredrick Sedley, filwaqt li l-Ispettur ghal Ghawdex kien il-Logotenent Kurunell C.A. Bayley, C.M.G. (*7*).

Ix-xoghol klerikali tal-korp kien f'idejn numru ta' skrivani. Kien hemm hames skrivani fl-ufficcju ta' l-Ispettur li kellhom salarji ta' bejn £40 u £150 fis-sena u skrivan f'Ghawdex b'salarju ta' £50 fis-sena. Kien hemm ukoll skrivan fis-suq tal-belt b'salarju ta' £100 fis-sena, u iehor fis-suq tal-Kottonera b'salarju ta' £60 fis-sena. Il-korp kellu wkoll zewg messaggiera b'salarju ta' £30 fis-sena. Dawn l-iskrivani u l-messaggiera kienu meqjusa bhala parti mill "establishment" tal-pulizija.

Il-korp tal-pulizija propju kien maghmula minn, l-ewwel ajjutant li kellu salarju ta' £215 fis-sena, ajjutant ghall-Kottonera b'salarju ta' £130 fis-sena, u seba ajjutanti ghall-kampanja b'salarju ta' £50 fis-sena u £10 "allowance" fis-sena ghaz-ziemel.

Il-korp kellu wkoll tliet surgenti magguri b'salarju ta' £45 fis-sena, u tletin surgent b'salarju ta' £36 fis-sena. In-numru ta' kuntistabblijiet kien ta' 145 u dawn kellhom salarju ta' £20. Dawn l-ufficjali u kuntastabblijiet kienu lkoll stazzjonati f'Malta.

F'Ghawdex barra mill-Ispettur u skrivan, kien hemm ajjutant b'salarju ta' £70 u £10 "allowance" ghaz-ziemel, zewg ajjutanti b'salarju ta' £36 fis-sena, erba surgenti b'salarju ta' £26 fis-sena, u 14 il-kuntistabbli b'salarju ta' £18 fis-sena. Kif wiehed jista jinnota s-saralju tas-surgenti u tal-kuntistabbli f'Ghawdex kien inqas minn dak ta' Malta (*8*).

### Proposta u Skema Biex Issir Riorganizzazzjoni 1849

Kien fis-7 ta' Mejju 1849 li O'Ferrall kiteb lil Grey u talab il-kunsens tieghu biex issir riorganizzazzjoni tal-korp tal-pulizija. Flimkien ma l-ittra, O'Ferrall baghat ukoll skema tar-riorganizzazzjoni.

Fl-ittra O'Ferrall nforma lil Grey li l-korp tal-pulizija fl-Ingilterra kien ittiehed bhala l-bazi ta' din ir-riorganizazzjoni, li l-karatteristici principali taghha kienu se jkunu dawn:-

a. tnaqqis fin-numru ta' ufficcjali
b. zieda fin-numru ta' kuntistabbli li kellhom jinqasmu fi tliet gradi
c. l-istess paga ghal min iservi f'Malta jew Ghawdex
d. tnaqqis ta' zewg skrivani u zieda zghira fil-paga tat-tlieta l-ohra
e. It-trasferiment mill-korp tal-harsien u l-manteniment tal-habsin, u tal-kuntratti ghax-xiri ta' l-ilbies.

Il-Gvernatur fisser ukoll lil Grey il-vantaggi ta' din ir-riorganizazzjoni. Biha kien se jkun hemm opportunitajiet izjed ghal "promotions", u din kellha sservi bhala ncentiv biex wiehed jahdem izjed, u kull min jidhol fil-korp bhala kuntistabbli, seta jibqa tiela u jilhaq spettur. B'hekk O'Ferrall kien jittama li nies ta' klassi ahjar kienu jithajjru jidhlu fil-korp.

O'Ferrall nforma wkoll lil Grey li kienet mehtiega zieda fin-numru ta' kuntistabbli, minhabba zewg ragunijiet. L-ewwelnett ghax kienet zdiedet il-popolazzjoni, minn mindu l-korp kien ha f'idejh id-dmirijiet ta' pulizija li qabel kienu f'idejn ir-regiment Malti, u t-tieni minhabba z-zieda fin-numru ta' strangieri f'Malta.

Bir-riorganizazzjoni li kien qieghed jipproponi O'Ferrall, il korp li f'dak iz-zmien kien jikkonsisti f'61 ufficjali u 159 kuntistabbli, total ta' 220 ruh, kellu bir-riorganizazzjoni jibda jikkonsisti fi 38 ufficjal (tnaqqis ta' 23) u 184 kuntistabbli (zieda ta' 25) li b'kollox kienu jgibu total ta' 222 ruh (*9*).

Skond l-iskema tar-riorganizazzjoni li baghat il-Gvernatur il-korp kellu jkun maqsum hekk.

F'Malta

| Grad | Salarju fis-sena |
|---|---|
| Supretendent | £430 |
| L-ewwel Skrivan | £160 |
| It-tieni Skrivan | £75 |
| It-tielet Skrivan | £75 |
| Skrivan fis-suq tal-Belt | £100 |
| Skrivan fis-suq tal-Kottonera | £60 |
| Messaggier | £30 |
| Ajjutant | £215 |
| Spettur ghal Kottonera | £100 |
| 2 Spetturi | £75 |
| 2 Sotto Spetturi | £60 |
| Sotto spettur | £60 |
| Sotto Spettur | £50 |
| 5 Surgenti | £40 |
| 11 il-Surgent | £35 (*b'allowance temporanja ta' £1 fis-sena, billi qabel kellhom £36 fis-sena*) |
| 24 Kuntistabbli | £30 (*b'allowance ta' £36 fis-sena ghal 6 minnhom, billi qabel kienu Surgenti b'£36 fis-sena*) |
| 80 Kuntistabbli | £25 |
| 60 kuntistabbli | £20 |

**F'Ghawdex**

| | |
|---|---|
| Supretendent | £340 |
| Skrivan | £50 |
| Spettur | £80 |
| 2 Surgenti | £40 |
| 2 Surgenti | £35 |
| 3 Kuntistabbli | £30 |
| 8 Kuntistabbli | £25 |
| 9 Kuntistabbli | £20 |

L-ispiza annwali f'salarji b'din ir-riorganizazzjoni kienet se tkun ta' £7,297 (*10*). Fl-ahhar ta' l-ittra tieghu (7.v.1849) O'Ferrall talab lil Grey biex japprova din ir-riorganizazzjoni, sabiex setghet tigi mdahhla fl-estimi ta' l-1850 (*11*).

**Tibda Tahdem ir-Riorganizazzjoni**

Ghalkemm ma gietx f'idejja r-risposta ta' Grey, m'hemm l-ebda dubju li din ir-riorganizazzjoni fil-parti l-kbira taghha giet approvata u ta' dan ghandna zewg provi. L-ewwelnett meta f'Ottubru 1849, il-Gvern ippublika fil-gazzetta tieghu "Abstract of the sums required to defray the expenses of the Colonial Govt. of Malta for the year 1st Jan.–31st Dec. 1850", taht l-"item", "Police, including Prisons and Goals", insibu l-korp imnizzel skond l-iskema tar-riorganizazzjoni proposta minn O'Ferrall, bl-eccezzjoni ta' xi tnaqqis fis-salarji tas-Supretendent, tas-Supretendent ghal Ghawdex u l-Ajjutant (*12*), u billi dan l-"item" kien jinkludi wkoll il-habs, l-ispiza kienet stmata li se tilhaq is-somma ta' £7,443 9s. 8d. (*13*).

It-tieni prova huwa l-avviz li deher fil-gazzetta tal-gvern tat-28 ta' Dicembru 1849. Bih il-pubbliku gie nfurmat li kienet saret riorganizazzjoni tal-korp li kellha tibda tahdem fl-1 ta' Jannar 1850. Skond l-istess avviz, bir-riorganizazzjoni l-korp kellu jkun imqassam hekk: Ajjutant, 4 spetturi, 4 sotto spetturi, 7 surgenti ta' l-ewwel klassi, 13 il-surgent tat-tieni klassi, 27 kuntistabbli ta' l-ewwel klassi, 88 kuntistabbli tat-tieni klassi u 69 kuntistabbli tat-tielet klassi (*14*). Jekk wiehed iqabbel dawn il-figuri ma l-iskema li O'Ferrall kien baghat lil Grey, malajr jinduna li l-imsemmija skema kienet giet accettata.

Izda fl-istess avviz kien hemm ukoll taghrif dwar il-pagi, il-kundizzjonijiet biex wiehed jidhol fil-korp, u l-kundizzjonijiet ghall-promozzjonijiet u tkeccija mill-korp li kienu dawn li gejjin.

a. kull grad kellu paga ghalih
b. kull min jidhol fil-korp, kellu jidhol fit-tielet klassi (jigifieri bhala kuntistabbli)
c. il-promozzjonijiet kellhom isiru skond il-mertu
d. kull min jidhol fit-tielet klassi (kuntistabbli) seta jibqa tiela sal-grad ta' ajjutant
e. hadd ma kien se jithalla jidhol fil-korp jekk ikollu izjed minn 30 sena, u kellha tinghata preferenza lil dawk li kellhom bejn 20 u 25 sena
f. kull min ried jidhol fil-korp kellu jipprezenta certifikat maghmul minn zewg "householders", dwar il-karattru tieghu, u certifikat tat-tabib tal-pulizija dwar is-sahha tieghu
g. kull min ried jidhol fil-korp, kellu jkollu tul ta' mhux inqas minn hames piedi u hames pulzieri
h. fost dawk li riedu jidhlu fil-korp, kellha tinghata preferenza lil dawk li kienu jafu jaqraw u jiktbu bl-Ingliz u bit-Taljan
i. hadd ma seta jiehu promozzjoni mill-grad ta' kuntistabbli tat-tielet klassi, jekk ma jkunx jaf jaqra u jikteb bit-Taljan.
j. il-kap seta jkecci mill-korp, wara li jkun kiseb l-approvazzjoni, xi membru wara li jkunu gew stabbiliti r-rapporti kontrih (*15*).

**Referenzi**


1. *L'Ordine*, 3-xi-1880.
2. A.V. Laferla, *British Malta Vol. 1* [*Malta 1946*] *p. 196, 215.*
3. A.V. Laferla, *op cit.* p. 198. M(alta) G(ovt.) G(azzette), 31-xii-1847.
4. L(ibrerija) N(azzjonali) M(alta) Duplicate Despatches 1849, f209R.
5. *Ibid.* f. 212R.
6. *Ibid.*
7. M.G.G. 25-viii-1848, 18-ix-1848. L-imsemmi Logotenent Kurunell Bayley, li ghal izjed minn 20 sena, kien il-kap tal-pulizija f'Ghawdex miet il-Marfa fit-12 t'Awissu 1852, u gie midfun fil-Fortizza Chambray, ara *The Malta Times*, 17-viii-1852.
8. L.N.M. Duplicate Despatches, 1849, f. 212R, 212V.
9. *Ibid.* f.208R, 208V, 209R, 209V.
10. *Ibid* f.212R, 212V, 213R.
11. *Ibid.* f.209V.
12. Fl-estimi nsibu li s-Supretendent kellu jircievi £400 flok £430, is-Supretendent ghal Ghawdex £320 flok 340, u l-Ajjutant £200 flok £215. Ara M.G.G. 19-x-1849.
13. M.G.G. 19-x-1849.
14. *Ibdi.*, 28-xii-1849.
15. *Ibid.*

# We put groupage containers together

Any proportion of containerised space can be grouped in our containers



**CONCORDE SHIPPING LTD.**

'Contir House', Ninu Cremona Street, Paola.
Tel. 23848, 22594.



## HARGIET KULTURALI GHAT-TFAL TAL-MEMBRI TAL-KORP TAL PULIZIJA

Fost l-attivitajiet ghat-tfal tal-Korp, minn Mejju li ghadda bdew jigu organizati hargiet kulturali, fejn it-tfal tal-Pulizija akkumpanjati mill-Kavallier Guzè Galea qed jittiehdu jzuru l-postijiet storici u muzewijiet fil-gzejjer Maltin.

F'dawn il-hargiet li qed isiru nhar ta' Hadd fil-ghodu, t-tfal s'issa ttiehdu jzuru Ghar-Dalam, il-Hypogeum ta' Hal-Saflieni, t-tempji ta' Hal-Tarxien, l-Imdina, l-Villa Rumana u diversi postijiet u muzewijiet fil-Belt Valletta.

L-ghan ta' dawn il-hargiet li ghalihom ikunu mistiedna t-tfal tal-membri tal-Korp tal-Pulizija kollha, huwa wiehed edukattiv li certament ghandu jghin lit-tfal fl-istudju taghhom.

*Nota:* Dawk li numa nteressati li jibghatu lit-tfal taghhom ghandhom jaghrrfu lil P.C. E. Attard.

**Mawra fl-Italja ghall-Hames Pulizija Zaghzagh**

F'Settembru li gej hames pulizija mistennija jmorru ghall-mawra f'Ruma u bliet ohra fl-Italja. Din il-mawra se tkun minghajr hlas, izda l-pulizija se jaghmlu tajjeb biss ghall-passagg. Il-Pulizija li huma taht il-hamsa u ghoxrin sena, ntaghzlu wara sejha ghal dawk li kienu nteressati.

**Summer Camp ghat-Tfal tal-Pulizija**

Ghat-tielet sena se jerga jigi organizzat 'Summer Camp' ghat-tfal tal-Pulizija u din is-sena dan se jinzamm fl-Iskola tal-Gvern ta' San Pawl il-Bahar. Din is-sena mistennija l-akbar numru ta' tfal li se jkun madwar tmenin u bhas-snin ta' qabel hemm imhejji programm mimli attivitajiet li jinkludu ghawm, pleasure cruise', barbecue, film show', loghob ta' gewwa u attivitajiet ohrajn.

**Tombla/Buffet Dance f'Sant Jermu**

Ghall-ewwel darba, b'gheluq il-kors ta' tahrig (*Ad hoc courses*) ghall-membri tal-Korp gie organizzat Tombola/Buffet Dance fil-bitha ta' Sant Jiermu fl-20 ta' Gunju 1981. Barra mill-membri tal-Korp, in-nisa u l-gharajjes taghhom, gew mistiedna wkoll il-lecturers' ta' l-imsemmi course' kif ukol xi mistidnien tal-membri tal-Korp. Hadet ukoll sehem il-Jazz Band tal-Pulizija.



Buffet Dance f'Sant Iermu.



*Ritratt:* It-tfal fil-bitha tal-Palazz f'wahda mill-hargiet.

**Prezentazzjoni tac-certifikati lill-membri li attendew is-sitt Ad Hoc course.**

Fis-27 ta' Gunju gew prezentati c-certifikati kif ukoll il-premjijiet lill dawk li ghaddew mill-ezamijiet ta' l-imsemmi kors. Il-premjijiet li kienu jikkonsistu f'kotba kif ukoll ic-certifikati gew imqassma mill-Kummissarju tal-Pulizija f'cerimonja qasira li saret fil-Mess tal-Fizzjali. Attendew ukoll il-'lecturers' ta' dan il-kors ta' tahrig.

**Il-Fenkata fil-Buskett**

Bhal snin ohra, din is-sena giet organizzata l-ikla tradizzjonali ta' l-Imnarja, fil-Winery tal-Gvern, il-Buskett fis-27 ta' Gunju fejn membri tal-Korp, familji u hbieb taghhom setghu jattendu. Din is-sena l-attendenza kienet ftit fqira u dan forsi minhabba l-hafna 'commitments' li kellu l-Korp f'dawn il-jiem.

**Better Shop at:**

# CLAVIS

7, Republic Str., Valletta Tel: 626869
41, Tower Road, Sliema Tel: 35920

## CLAVIS GEMS

6, Freedom Sq., Valletta Tel: 23191
Hilton Hotel Foyer Tel: 36201
Grand Hotel Verdala Tel: 674901
Grand Hotel Excelsior Tel: 623661

## MELBA GIFTS

292, Republic Str., Vall Tel: 27435

## CROWN JEWELLERS

161, Britannia Str., Vall. Tel: 626869

## HERITAGE JEWELLERY

24, Freedom Sq., Vall. Tel: 23929

Specialising in
ENGAGEMENT RINGS AND
WEDDING RINGS
LARGE STOCKS OF E.P.N.S.
HAND-CUT BOHEMIAN
AND GERMAN CRYSTAL



Dewar's "White Label" - it never varies.

## STRESS AND THE POLICE

*Stress is known to be a medical problem in many occupations. Little is known about its effects on the Police.*

"Most of the police officers who were actually engaged in removing the passengers from the plane were affected to some degree by shock, amnesia and a prolonged sense of frustration. Two of the officers who were in the centre of the rescue operations and who did magnificent work, experienced a deep sense of frustration at having to watch persons who were appealing for help, burn to death because of the utter impossibility of further approach. One officer, a week later, could not remember what sort of rescue operations he had undertaken. Another officer absented himself from duty three days after the event without any given reason and at a later stage, whilst on duty, had to be taken home. At the scene, both policemen and others who had been unable to rescue further persons, and who were confronted with a child and others who could not be rescued because of fire, simply sat down dejectedly and wept."

(*extract from the report on the Stockport Air Disaster, 1967*)

Crises are the business of the police. Each one, no matter how small or seemingly unimportant creates stress. All crises, no matter how many times they are face, produce stress; in fact there is good evidence to show that successive crises produce a cumulative effect. In other words, when an officer faces a messy car accident, the memory of it doesn't go away, but it is added to the battered child found a month later, and a knifing after that. Stress affects all physical objects — a wire stretches only so far, then it breaks; a bridge takes only so much stress so marchers have to walk out of step across it; human beings can be put under so much pressure and then their minds change and break, except that human beings can be very adept at hiding the effects of this breakage. This article intends to outline some of the stress police officers face and what happens when it becomes too much to bear.

First it should be made clear that at present there is no helping procedure within the force that doesn't deteriorate into some form of disciplinary and/or dismissal action. There is a post in most forces called the 'Welfare Officer', but the duties are ill-defined. No special training is required to hold the post. What is worse, many senior officers adopt the attitude that crisis reactions in an officer are signs of personal weakness.



*The police have to pick up the pieces of human tragedy every day: how does this stress affect their health?*

A young officer ran into a burning house and rescued two children but was forced to stand helplessly by as two other children died screaming. He received an award for bravery. But it was months before he could admit to having recurring nightmares of children screaming and then no help was given by his department, rather he was admitted to a mental hospital and as a direct result was retired from the police service on medical grounds.

Having determined that all physical objects suffer from stress, how is it that we expect the police officer 'to be human yet inhuman'? "We employ him to administer the law and yet ask him to waive it. We resent him when he enforces the law in our own case, yet demand his dismissal when he does not elsewhere. We offer him bribes, yet denounce his corruption. We expect him to be a ember of society, yet not share its values."

(Ben Whittaker, *The Police*.)

A policeman's job is not an ideal one for domestic bliss, not even for maintaining steady relationships. Hours of duty are disruptive to the household; often the husband may see little of his children, leaving his wife to carry out the larger share of the parenting. Some men try to compensate for this by buying luxuries to pelase their wives, and this can lead to financial hardship and further stress. The woman officer has even more hurdles to overcome. It is a rare Englishman who can accept his woman as being strong, competent and self-supporting. She is not the least susceptible to his best methods of 'chatting up' and she treats him as an equal. The Swedish man may be able to comprehend such a female, but the Englishman — not to mention an English husband — finds the prospect quite daunting. Many women officers soon discover they cannot go against the cultural values placed upon them since childhood, and quit the force to return to a 'normal' female status. If a marriage or close relationship is to last, then the partner must learn to live with a person who is reluctant to discuss his work, sometimes openly refusing to speak of happenings which have obviously affected him greatly.

*To be continued.*

**VALHMOR BORG (Imp/Exp) Ltd.,**
IMPORTERS & DISTRIBUTORS OF:

FROZEN BEEF
PORK
POULTRY
VEGETABLES
CHEESE
FISH
CRUSTACEANS

TEL: 623691/4



KONTRA L-VJOLENZA U L-AGGRESSJONI?

Ronald C. Theuma
*Direttur tal-Habs*

Li zzomm taht kontroll imgieba anti-socjali kien minn dejjem ikkunsidrat bhala xoghol siewi ghall-process biex ikun hemm ambjent socjali tajjeb; l-istess bhal ma l-kastig (u bil-kelma kastig ma jfissirx biss tbatija fizika) kien ikkunsidrat wiehed mill-uzanzi ewlenin biex tikkontrolla mgieba mhux mixtieqa. Ghalkemm fil-hamsinijiet l-influwenza ta' hafna tejoriji psikologici opponiet bis-shih l-uzu tal-kastig bhala mezz biex tikkontrolla u ttejjeb l-imgieba, studji socjologi ricenti juru li llum il-gurnata l-genituri qed izommu izjed dixxiplina fuq uliedhom, u l-kastig qieghed jigi accettat bhala l-ahjar mezz biex ikollna socjetà ahjar. Hemm hafna x'wiehed jghid dwar l-uzu tal-kastig biex twaqqaf u telimina certu mgieba hazina. Jista l-kastig inaqqas jew idghajjef l-izvilupp san tal-personalità tal-individwu? Il-kastig hu effettiv biex ibiddel l-imgieba tal-individwu ghall-gejjieni?

## Ghandu Jkun Hemm Kastig ghal Imgieba Hazina Jew Premju ghal Imgieba Tajba?

Ikun ahjar jekk naghtu kastig lit-tfal talli jaghmlu l-hazin jew li nippremjawhom talli l-hazin ma jaghmluhx? Wahda mill-iktar problema ta' zmienna dwar l-uzu tal-kastig u mistoqsija li spiss issir minn min hu kkoncernat dwar dan il-problema huwa jekk il-kastig, ikun x'ikun l-effett tieghu, jinvolvix il-manjiera u t-teknika ta' min ikun qed jigi kkastigat. Fi kliem iehor, jista l-kastig izjed il-quddiem ikollu effett hazin fuq l-individwu, fis-sens li dan isir izjed vjolenti? Fi studju u osservazzjonijiet li saru fl-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-kastig, b'emfasi specjali fuq il-kastig bhala deterrent u l-kastig minhabba vjolenza jew aggressjoni, sar maghruf li tfal ta' età zghira li ma jmorrux skola, li raw il-kbar jew xi karattru minn xi 'cartoon' jaghtu xebgha lill-pupa minn tfal ohra li ma rawx il-pupa tigi msawwta. Studji li saru wara, ikkonfermaw li t-tfal meta jaraw il-vjolenza isiru aggressivi u din l-aggressjoni tkun kontra tfal ohra u anki kontra l-kbar. Minn dan wiehed jista jikkonkludi li t-tfal jimitaw l-aggressjoni mill-ewwel u jaccettawha bhala alternattiva ghal imgieba tajba fl-ohrajn.

Wiehed ghandu jahseb li l-esperjenza li tghaddi minnha meta tkun ikkastigat isservi ta' deterrent biex iggib ruhhek tajjeb. Izda kemm l-istudjuzi kif ukoll dawk li josservaw l-affarijiet fin-natura taghhom li jahsbu mod iehor. Sar maghruf li t-tfal li jkunu kkritikati u kkastigati bil-fomm ghandhom tendenzi li jaghmlu l-istess ma haddiehor. Izda l-forma ta' kastig mhuwiex fattur ewlieni li fuqu wiehed ghandu jiehu ezempju tajjeb. U dan jurih il-fatt li hafna drabi genituri li jikkastigaw izzejjed u ingustament lill-uliedhom x'aktarx li jkunu rcevew l-istess trattament meta huma kienu tfal. Hemm hafna fatturi ohra li ghandhom jigu kkunsidrati. L-ewwelnett hemm tendenza li l-kastig ghandu jkun bilfors fi swat. Is-swat huwa biss forma wahda mill-hafna ta' kastigi. Il-kastig jista' jiehu forma ohra, bhal korrezzjoni zejda, terga lura minn dak li tkun diga weghdt, tikkritika, twaqqa ghac-cajt u tizola socjalment lil dak li jkun. Dawn kastigi li fihom ma tidholx il-forza fizika u ma jgibux maghhom effetti ta' vjolenza. Ghal kuntrarju dawn inaqqsu l-element vjolenti ghaliex fihom wiehed ma jkollux vjolenza x'jimita. Kastigi li ma jikkonsistux fi swat ghandhom l-inqas konsegwenzi. Il-kastig, anki dak fiziku, huwa effettiv hafna biex tigi kkontrollata imgieba mhux mixtieqa wara li mezzi alternattivi ohra biex tikseb l-ghan mehtieg ikunu fallew. Minkejja dan, anki jekk il-kastig fiziku huwa l-kwalità l-izjed marbut mal-vjolenza, mhux l-iztudjuzi kollha jaqblu ma dan. Fil-fatt hafna studji juri li l-kastig fiziku flimkien ma kastigi ohra jistghu jwasslu ghal tnaqqis fil-vjolenza.

## Huwa Ahjar Tikkastiga lit-Tfal Talli Jaghmlu l-Hazin, Jew Li Tippremjhom Talli ma Jaghmlu Xejn Hazin?

Biex wiehed ikun jista jifhem ahjar dan il-konflitt fl-idejat huwa mportanti li jirrejalizza li l-bniedem adult jaghraf jghix u jgib ruhhu fid-dinja skond l-ideja li huwa nnifsu jkollu tad-dinja. Allura jekk tifel jghix f'ambjent ostili u vjolenti ihares lejn id-dinja bhala post fejn il-vjolenza u l-ostilità mhux biss mhumiex accettabbli, izda li huma affarijiet logici u naturali. Mill-banda l-ohra tifel li jkun imtella f'certu mhabba u ambjent socjali tajjeb, anki jekk forsi xi drabi jkun ikkastigat jew espost ghal atti vjolenti, jista jemmen fil-vjolenza bhala mezz ta' azzjoni li jista jiehu, izda hemm cans kbir li jghix fl-ambjent tajjeb bhalma fih kien trabba. Minn studji li saru fuq tfal aggressivi u zghazagh delinkwenti instab li l-kastigi li dawn kienu jinghataw kienu dejjem jikkonsistu fi tbatija fizika. Mas-swat kien ikun hemm fatturi ohra li jinfluwenzaw lill-ulied, bhal nuqqas ta' mhabba mill-genituri lejhom, glied bejn il-genituri u tgergir u nuqqas ta' qbil fil-hajja mizzewwga. Ma dan kollu gie misjub li l-kastigi kienu inkonsistenti u izjed inghataw arbitrarjament u ghall-konvenjenza ta' min jaghtihom milli ghall-gid ta' min jircievihom.

Fi studju iehor fuq xi jwassal ghal zghazagh aggressivi instab li l-kastigi moderati, anki jekk dawn jinkludu s-swat, irrizultaw fi tnaqqis ta' aggressjoni. Izda dan jghodd biss ghal dawk it-tfal li jkollhom certu gibda lejn missirijiethom. Sinifikanti hafna huwa l-fatt li zghazagh delinkwenti jkunu hafna izjed ostili lejn missirijiethom minn tfal ohra li ma jkunux delinkwenti, u li l-genituri tat-tfal delinkwenti ma jkollhomx dak ir-rispett u mhabba lejn xulxin. Sar maghruf ukoll li kemm il-kastigi zejda kif ukoll in-nuqqas ta' korrezzjoni u l-permissività jwasslu ghal aggressjoni izjed il-quddiem.

## L-Effett tal-Kastig Jiddependi Hafna mill-Ambjent Emozzjonali li Fih Jinghata

Wiehed jista jasal ghal konkluzzjoni li l-konsegwenzi u l-effetti tal-kastig jiddependu hafna mill-ambjent emozzjonali li fih jitwettqu u mill-hsieb li jkollu min ikun qed jikkastiga. Ma tantx jista

Tkompli f'p. 20

Steamship Clearing Forwarding, Insurance and Tourist Agents

Agents for Admiralty Charts and other Hydrographical Publications

Automobile Association Representatives

**THOS. C. SMITH & CO. LTD.,**

12, St. Christopher Street, Valletta.

**Telephone 625071 - 28180**

*Cables:* **SMITH MALTA**

*Telex:* **MW272 — SMITH 272**

**Lyons Maid**

Remember how excited you were when they took you to your first show... how you laughed at the comics and booed at the baddies, how the lights, the music, the greasepaint all left you spellbound... and your interval ice cream was part of the magic...

Enjoy yesterday today with Lyons Maid.



Ghall-darba ohra, bhas-snin li ghaddew it-Team tal-Football tal-Pulizija rega' ha sehem fil-Kompetizzjoni organizzata mill-Ministeru ta' l-Isports ghad-Dipartimenti tal-Gvern u Korpi Para-Statali.

Ix-xewqa tal-Kumitat Sportiv kienet wahda, li nirraprezentaw lil-Pulizija bl-unuri kollha possibbli. Ghalhekk giet maghzula skwadra bi players ta' certu esperjenza u wkoll xi zghazagh.

L-ewwel laqgha li ghamilna lil-players maghzula biex jiffurmaw parti mit-Team tal-Pulizija ghal lis-Stagun 1980/81 saret nhar is-Sibt, 17 ta' Jannar, 1981, fejn gew indirizzati mill-Ispettur inkarigat mill-Isports fil-Korp. Hawnhekk gie mfisser il-programm ta' tahrig u mill-players koncernati giet mitluba kooperazzjoni u wkoll ftit sagrificcju. Il-players kollha qablu ma dak li spjegalhom l-Ispettur.

Mill-ewwel bdejna bi thejjija intensiva bit-team taht il-gwida tas-Surgent Lino Spiteri bhala trainer. L-ewwel loghba tat-team kienet kontra l-Coaches tac-Centru ta' l-Isports tal-Marsa. It-team taghna tilef, izda minn din il-loghba irrizulta l-bzonnijiet li kellna, u dawn ma kienux ftit.

It-Team inghata permess mill-Kummissarju biex jittrenja darbtejn fil-Gimgha biex b'hekk il-players taghna setghu jigu mpar mal-kalibru tat-teamijiet l-ohra.

Nhar it-Tlieta 6 ta' Jannar, 1981, ittellghu l-poloz u t-team taghna, peress li fl-istaguni ta' qabel kien dejjem spicca fl-ewwel tlett postijiet, gie jifforma parti awtomatikament mill-ewwel Divizjoni. It-teamijiet l-ohra li kellna nilghabu kontrihom kienu:

Bank of Valletta; Water Works; Malta Shipbuilding; Posta; Malta Drydocks; PWD South District u Telemalta Knights.

Kien hemm ukoll it-Tieni Divizjoni (zewg gruppi 'A' u B'). Is-sistema gdida li giet introdotta ghal-ewwel darba kienet li minn kull Divizjoni jigu relegati tnejn u tnejn ohra jigu promossi.

Ir-rizultati kollha tat-Team kienu dawn:-

| | |
|---|---|
| Pulizija kontra Bank of Valletta | 0–1 |
| Pulizija kontra Water Works | 0–3 |
| Pulizija kontra PWD South District | 2–1 |
| Pulizija kontra Malta Shipbuilding | 1–1 |
| Pulizija kontra Posta | 0–1 |
| Pulizija kontra Malta Drydocks | 1–1 |
| Pulizija kontra Telemalta Knights | 1–0 |




Ghaldaqstant bil-punti li t-Team irnexxielu jirbah, kienu bizzejjed biex it-Team taghna jibqa fl-Ewwel Divizjoni ghal-Stagun iehor, bit-teamijiet tal-Water Works u PWD South District jigu relegati fit-Tieni Divizjoni u l-League intrebah mill-Bank of Valletta wara decider kontra l-Malta Drydocks li fiha gie moghti wkoll il-hin barrani. Minn dawn il-kolonni f'isem il-Korp tal-Pulizija kollu nifirhu lill-Bank of Valletta ghal dan is-success. success.

Ma fadalli xejn xi nzid hlief li ahna tal-kumitat sportiv nixtiequ nirringrazzjaw lil-players kollha taghna u lil-Coach habrieki tat-Team li b'sagrifccju kbir irnexxielu jghaqqad team f'qasir zmien u jzommu fl-Ewwel Divizjoni ghall-sena ohra, lil-Ispettur inkarigat taghna li ha tant pacenzja binha u l-ahhar izda zgur mhux l-inqas lil-Kummissarju taghna li dejjem approva l-facilitajiet li l-Kumitat talbu ghax jaf li meta l-Membru tal-Korp ikun trenjat fizikament xogholu jaghmlu ahjar.

**Basketball**

**Tournament Umberto Colosso**

Bhat-tlitt staguni li ghaddew it-tim tal-Pulizija rega' kien attiv u dan li stagun beda l-programm tieghu f'tournament organizzat mill-Umberto Colosso Friss-Kee fl-iskola ta' St. Venera. It-team tal-pulizija kellhu dawn ir-rizultati:

| | | |
|---|---|---|
| Pulizija | vs Gzira G.H. | 37–31 |
| | vs La Salle | 52–65 |
| | vs U.C. Friss-Kee | 50–43 |
| | vs Valletta J.B. | 39–57 |

It-tournament gie mirbuh mit-team ta' De La Salle, b'Valletta J.B. it-tieni post u ahna spiccajna fit-tielet post. Lucian Abela spicca t-tieni post fost il-lista tat-top scorers b'66 punt.

**League tat-Tieni Divizjoni**

It-team tal-pulizija ha sehem ghall-ewwel darba fil-league tat-tieni divizjoni u kellu dawn ir-rizultati:

| | | |
|---|---|---|
| Pulizija | vs Zebbug | 48– 55 |
| | vs Sliema Agfa 76 | 23–113 |
| | Rabat B.B. | 66– 61 |
| | Siggiewi | 42– 76 |
| | Gzira G.H. | 36– 48 |
| | Gozo H.G. | 78– 75 |
| | Dinitrol | 37– 77 |

Konsegwenza ta' nuqqas ta' esperjenza t-team taghna ma marx tajjeb f'dan il-league ghalkemm ghamel hiltu kollha kontra teams ta' kalibru akbar u dejjem hareg mill-court bl-unuri kollha. Ta' min isemmi z-zewg rebhiet li ghamilna jigifieri dik kontra r-Rabat u l-Gozo H.G., zewg teamijiet li kienu qeghdin jissiltu ghall ewwel erba' postijiet. Dan jaghti prova ta' l-isforzi qalbiena li ghamilna f'kull loghba.

Fit-tieni round kien kompost fi 'play offs' bejn il-Pulizija, De La Salle, Valletta J.B., Gzira golden Harvest, Zebbug u Gozo Hotel Calypso. F'dawn il-'play offs' kellu jigi deciz min kellu jibqa' fit-tieni divizjoni fis-sena 81/82 u kellna dawn ir-rizultati:

| | | |
|---|---|---|
| Pulizija | vs De La Salle | 42–92 |
| | vs Zebbug | 47–44 |
| | vs Gzira G.H. | 42–44 |
| | vs Gozo H.G. | 68–64 |
| | vs Valletta J.B. | 48–52 |

It-team tal-Pulizija f'dawn il-'play offs' gie fir-raba' post u b'hekk, is-sena d-diehla jkun jista jkompli jilghab fit-tieni divizjoni.

**Knock-Out**

Fin-Knock-Out it-team taghna beda tajjeb u fl-ewwel round ghelibna lil Zebbug bl-iskor ta' 47–39. L-akbar avversarji taghna kienu r-Wrangler, team b'esperjenza kbira ta' l-ewwel divizjoni li tlifna maghhom bl-iskor ta' 112–55.

L-aqwa skorers tat-team kienu:

| | |
|---|---|
| Lucian Abela | 259 |
| L. Portelli | 127 |
| P. Micallef | 115 |

Tkompli minn p. 17.

jkun hemm effetti hziena mhux mixtieqa jekk il-kastig jinghata tassew ghall-gid ta' min ikun jircevih. Ghandu jkun hemm kastig ghal dawk li ma jgibux ruhhom sewwa, jew il-premju ghal min ma jaghmilx il-hazin? Dwar l-ewwel mistoqsija numru konsiderevoli ta' studji jindikaw li l-kastig ghall-imgieba hazina huwa izjed effettiv milli tistimula lil dak li jkun biex ikompli jaghmel it-tajjeb. F'hafna kazi, il-kastig u l-premju flimkiem m'humiex izjed effetivi mill-kastig wahdu. Spjegazzjoni accettabbli ghaliex il-kastig ghall-hazen jidher li huwa superjuri ghall-premju lit-tajjeb huwa li ghal-kemm kemm il-kastig u l-premju huma uzati fis-socjeta, l-ghotja tal-kastig jaghti izjed informazzjoni fuq l-imgieba tal-istess membri tas-socjetà. Skond osservaturi tal-imgieba umana jista jkun li l-kastig huwa izjed effettiv ghaliex il-bniedem izjed jistinka biex izomm dak li ghandu milli biex jakkwista dak li m'ghandux.

L-ewwel problema li jhabbtu wicchom maghha dawk li jahdmu mad-delinkwenti huwa x'ghandu jsir meta wiehed, ghalkemm jaf li mhux qed jghix sewwa jaghzel li jibqa fit-triq il-hazina ghax hekk ikun jaqbillu. Ghalhekk, ghandu jkun hemm kastig ghall-hazen jew premju ghal min jghix ta' nies? Ghadhom ma sarux studji bizzejjed f'dan is-sens biex wiehed ikun jista jidhol fil-fond ta' dan il-problema.

Studju fuq persuni emozzjonalment disturbati u destruttivi jindikaw li hemm fattur iehor li jista jkollu effett fuq jekk ghandux ikun hemm il-kastig ghall-hazen jew il-premju ghal nuqqas ta' hazen. Jekk wiehed ikun ippremjat talli ma jaghmilx il-hazin, il-premju jigi suggett ghall-ezistenza tal-hazen, ghaliex jekk ma jsirx il-hazen ma jkunx hemm premju. Per ezempju niehdu tifel zghir li jigi ppremjat b'helwa talli jieqaf mill-biki. (Nassumu li l-biki hija mgieba mhux mixtieqa). Jekk l-omm ma tibqax taghti helu lit-tifel, dan, biex jassigura ruhhu li jiehu helwa jibda jibki, sakemm ommu ttih il-helwa biex jieqaf. Jigifieri jekk it-tifel ma jibkix m'ghandux cans li jiehu l-helwa talli ma bekiex.

Il-konkluzzjonijiet li johorgu minn dan huma tnejn. (i) F'certu kazi il-kastig ghal imgieba mhux xierqa huwa izjed effettiv minn premju ghal imgieba tajba. (ii) F'certu kazi ohra il-kastig talli taghmel il-hazin huwa ahjar mill-premju talli ma taghmilx il-hazin. Il-Vjolenza mhix xi fenomenu inevitabbli u nkontrollabbli. Innumru ta' kazi ta' vjolenza fis-socjetà llum jista jigi kkontrollat u mnaqqas permezz ta' studju, taghlim u s-sehem tal-pubbliku in generali li jipprova jifhem id-diffikultajiet dwar dan is-suggett.

---

# L-ISPETTUR
# CAROL M. SALIBA
# 1890–

Tkompli minn p. 9.

fil-lejl tat-30 ta' April 1941, meta l-ghadu ghamel l-aqwa herba f'dawk l-inhawi.

Ghaddiet il-gwerra, izda qatt minsija minn min ghexa, u lil Saliba tawh l-*Africa Star*, id-*Defence Medal*, u l -*Victory Medal*, midalji li hu jghozz b'devozzjoni.

L-aktar li Saliba u l-pulizija tieghu kienu taw servizz kien fil-lejl tat-30 ta' April 1941, meta l-ghadu ghamel l-aqwa herba f'dawk l-inhawi.

Bejn is-snin 1944 u 1948 Saliba kien ghaqqad u gabar dwar mitejn pulizija u ranks ohra biex jifforma l-*Police Ambulance Corp*, li kull pulizija ghandu jkollu hjiel ta' l-ewwel ghajnuna billi hu jista jkun minn ta' l-ewwel fuq il-post ta' xi disgrazzja.

Wara 31 sena Saliba irtira misservizz.

B'danakollu, dan ma jfissirx li waqaf minn kull attività; fix-xahar ta' Jannar 1949, organizza n-*No. 1 Ambulance Corp* tal-Belt, li fihom kienu jaghmlu wkoll il-Furjana, il-Hamrun, il-Marsa, Hal-Qormi, Birkirkara, Hal-Balzan, Hal-Lija, u H'Attard. U fis-sena 1953 kien mexxa l-kontingent Malti ghal *Coronation parade* tar-Regina, f'Londra, meta kien qed jaghmel public duty man-*No. 1 Prince of Wales District*.

Tliet snin wara, 1956, Saliba lahaq *Principal Staff Officer* ghall-amministrazzjoni fil-HQ tal-*Brigade*, u ghadu sal-lum, jinzel ta' kull fil-ghodu, xitwa jew sajf, biex min jistaqsi ghall ghajnuna, jilqa l-vizitaturi, u jitma l-qtates, isibu hemm dejjem lest, karitattiv u hanin, u bi kliem ta' merhba.

Ma semmejtx il-kazi dwar delitti li ghalihom kien responsabbli li qabad, u l-hati ingab quddiem il-gustizzja. Hafna kienu jahsbuh gurdien tal-ghassa, ohrajn kienu jghidu li hu kien ma' tal-miktubin biex dejjem kien isib il-hati. Ma semmejtx anqas id-disappuntamenti li garrab f'hajtu — u min ma garrabx? — forsi l-aktar wiehed li kellu kien li qatt ma avvanzawh, u baqa dejjem spettur biss. Saliba kien jaf wisq fuq kollox u fuq kullhadd, u bosta drabi s-skiet kien ikun ahjar. Izda mhux ghal Saliba, ghax dejjem ghemmen fil-haqq. Min jaf kienitx ghira? Min jaf setghetx kienet xi ordni biex lill Saliba jzommulu halqu maghluq?

Carol Maria Saliba ghadu mimli bil-ghomor, u ghandu memorja shiha ta' tak kollu li ghamel f'hajtu, u hemm volum shih ta' bijografija, li kieku xi hadd jiehu t-taghrif minn fommu direttament.

Kavalier Guzè Galea

---

